

Brussell, 1 ta' April 2026
(OR. en)

7952/26
ADD 1

ENT 62
MI 311
COMPET 398
IND 227
TRANS 197
CONSOM 109
DELECT 65

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 23 ta' Marzu 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2026) 1811 final - ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess standardizzat għal informazzjoni dwar id-dijanjestika abbord il-vetturi u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, u r-rekwiżiti u l-proċeduri għall-aċċess sigur għal informazzjoni dijanjestika abbord |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1811 final - ANNEX.

Mehmuż: C(2026) 1811 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2026
C(2026) 1811 final

ANNEX

ANNEX

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess standardizzat għal informazzjoni dwar id-dijanostika abbord il-vetturi u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, u r-rekwiżiti u l-proċeduri għall-aċċess sigur għal informazzjoni dijanjostika abbord

ANNEX

L-Anness X tar-Regolament (UE) 2018/858 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Introduzzjoni

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-aċċess għall-informazzjoni dwar id-dijanjożtika abbord (OBD, On-Board Diagnostic) tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, ikun xi jkun it-tip ta' sistema tal-motopropulsjoni tal-vettura.”;

(2) fil-punt 2.1, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Il-konformità mal-obbligu għall-manifattur li jipprovdi informazzjoni dwar is-sistema tal-OBD tal-vettura u informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi fuq is-siti web tiegħu permezz ta' format standardizzat għandha tiġi preżunta jekk ikun konformi mal-Parti 1 “General information and use case definition”, mal-Parti 2 “Technical requirements”, mal-Parti 3 “Functional user interface requirements” u mal-Parti 4 “Conformance test” tal-istandard EN ISO 18541 – 2021 u mal-Parti 5 “Heavy duty specific provision” “Road vehicles – Standardized aċċess to automotive repair and maintenance information (RMI)” tal-istandard EN ISO 18541 – 2018.”;

(3) fil-punt 2.5, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2.5. L-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha tinkludi dan li ġej:”;

(4) il-punt 2.5.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2.5.1. identifikazzjoni inekwivokabbli tal-vettura u l-lista li tirriżulta ta' aċċessorji immuntati fil-fabbrika, kif ukoll ta' sistemi, ta' komponenti, ta' unitajiet tekniċi separati, ta' partijiet jew ta' tagħmir li għalih huwa responsabbli l-manifattur;”;

(5) il-punt 2.5.4. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2.5.4. informazzjoni dwar is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, il-partijiet, it-tagħmir u d-dijanjożi (inklużi l-valuri teoretiċi minimi u massimi għall-kejl), inkluża informazzjoni dwar il-funzjonijiet u l-kapaċitajiet neċessarji għall-kalibrazzjoni u għat-tiswija ta' Sistemi Avanzati ta' Assistenza għas-Sewwieq (ADAS, Advanced Driver Assistance Systems), jew ta' Sistemi ta' Assistenza fil-Kontroll għas-Sewwieq (DCAS, Driver Control Assistance Systems) u ta'komponenti relatati);”;

(6) il-punt 2.5.7. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2.5.7. informazzjoni meħtieġa biex jiġi ddeterminat jekk aġġornament tas-software jew kodifikazzjoni tal-varjanti humiex neċessarji għal operazzjoni speċifika ta' tiswija u ta' manutenzjoni;”;

(7) jiddaħħal il-punt 2.5.7a li ġej:

“2.5.7a. informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-aġġornament korrett tas-software jew tal-kodifikazzjoni tal-varjanti għal kull sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir li jeħtieġ aġġornament tas-software;

B'eċċezzjoni mill-punt 2.1., jekk id-determinazzjoni tal-verżjoni korretta tas-software jew tal-kodifikazzjoni tal-varjanti tkun teħtieġ konnessjoni tal-backend, il-manifattur ma għandux ikun meħtieġ jippubblika l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-aġġornament korrett tas-software jew tal-kodifikazzjoni tal-varjanti għal kull sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir li jeħtieġ aġġornament tas-software fuq is-sit web;”;

(8) il-punt 2.5.8. huwa emendat kif ġej:

“2.5.8. informazzjoni pprovduta li tikkonċerna, u tkun twasslet permezz ta' għodda u tagħmir ta' sjieda inkluża l-informazzjoni dwar kwalunkwe għodda, tagħmir u struzzjoni addizzjonali għall-utent, li huma meħtieġa jwettqu kalibrazzjoni tal-komponenti jew tas-sistemi;”;

(9) jiżdiedu l-punti 2.5.12. and 2.5.13. li ġejjin:

“2.5.12. informazzjoni pprovduta mill-manifattur lis-sħab, lin-negozjanti u lis-sewweġja awtorizzati tiegħu jew użata mill-manifattur għal skopijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni, neċessarja għad-dijanjożi u, fejn applikabbli, għat-tiswija ta' sistemi ta' batteriji tat-trazzjoni kif ukoll għall-unitajiet skambjabbli tiegħu, inklużi moduli tal-batteriji;

2.5.13. informazzjoni speċifika għat-tip ta' vettura neċessarja għall-immaniġġjar sikur tal-partijiet u tal-komponenti, b'mod partikolari informazzjoni neċessarja għall-protezzjoni kontra perikli elettriċi, termiċi u kimiċi mill-batteriji tat-trazzjoni; kif disponibbli għall-manifattur tal-vettura jew għas-sħab tiegħu.”

(10) il-punt 2.6.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2.6.2. l-informazzjoni li ġejja:

a) data ta' deskrizzjoni dijanjostika msemmija fil-punt 3 tal-appendiċi 2. Il-manifattur għandu jiżgura li din id-data tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

i) tkun disponibbli bħala settijiet ta' data elettriċi li jistgħu jiġu pproċessati direttament,;

ii) tkun tal-istess livell ta' dettall kif użat mill-għodod dijanjostiċi proprjetarji tal-manifattur tal-vettura;

iii) tkun dokumentata b'mod komprensiv;

b) deskrizzjonijiet tal-interazzjonijiet neċessarji mhux abbord u abbord meħtieġa għat-tlestija ta' kwalunkwe xogħol ta' tiswija u ta' manutenzjoni;

Il-manifattur tal-vettura għandu jagħmel l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) disponibbli biss għat-tipi ta' vetturi li għalihom iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip ikun ingħata għall-ewwel darba wara l-1 ta' Settembru 2020. ”;

(11) jiddaħħal il-punt 2.6.3. li ġej:

“2.6.3. informazzjoni dwar kif jinkisbu għodod u tagħmir proprjetarji.”;

(12) jiddaħħlu l-punti 2.6a u 2.6b li ġejjin:

“2.6a. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli lill-manifatturi tat-tagħmir tat-tiswija u tal-għodod dijanjostiċi ġeneriċi l-informazzjoni, l-ispeċifikazzjoni teknika u l-

istruzzjonijiet għall-utent kollha għat-tiswija, għall-manutenzjoni u għad-dijanjożi tas-sistemi ADAS/DCAS permezz ta' għodod dijanjostiċi.

2.6b. L-informazzjoni msemmija fil-punti 2.6. u 2.6a. għandha tkun disponibbli f'konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet stipulati mill-manifattur f'konformità ma' dan ir-Regolament, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-ħlas jew il-limitazzjonijiet u t-tariffi tal-użu meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 63(1).”;

(13) il-punt 2.9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2.9. Għall-fini tal-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura, tad-dijanjozika, tat-tiswija u tal-manutenzjoni, tal-monitoraġġ u tal-ispezzjoni tal-vettura, il-manifattur tal-vettura għandu jippermetti aċċess bidirezzjonali għall-fluss tad-data fil-vettura, permezz tal-mezzi kollha li ġejjin:

- (a) il-port serjali tad-data fuq il-konnettur standardizzat li jlinkja d-data msemmi fl-Appendiċi 1, il-paragrafu 6.5.3, tal-Anness C5 tar-Regolament tan-NU Nru 154 * rispettivament f'konformità mal-paragrafu 4.7.3 tal-Anness 9B u d-dokumenti standard ta' referenza stabbiliti fl-Appendiċi 6 ta' dak l-Anness tar-Regolament tan-NU Nru 49**;
- (b) kwalunkwe mezz ieħor ta' aċċess fil-vettura li jiġi pprovdut mill-manifattur lis-šhab, lin-negozjanti u lis-sewweġja awtorizzati tiegħu jew li jintuża mill-manifattur għall-finijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni, inklużi l-konnetturi tal-Ethernet, il-pins mhux standardizzati fuq il-port standardizzat tal-OBD, l-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet użati għall-integrazzjoni tas-servizzi tas-suq ta' wara l-bejgħ, u n-networks ta' żona lokali mingħajr fili;
- (c) kwalunkwe faċilità li tiġi pprovduta mill-manifattur lis-šhab, lin-negozjanti u lis-sewweġja awtorizzati tiegħu jew tintuża mill-manifattur biex ikun jista' jsir aċċess remot għall-Infomazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi għat-tiswija u għall-manutenzjoni, inklużi l-monitoraġġ u l-ispezzjoni (fejn jitwettqu l-monitoraġġ u l-ispezzjoni għat-tiswija u għal-manutenzjoni) jew servizzi remoti ta' tiswija u ta' dijanjożi.

Meta l-vettura tkun miexja, il-manifattur jista' jagħżel li jagħmel il-fluss tad-data disponibbli biss għal funzjonijiet li jinqraw biss, bil-kundizzjoni li l-manifattur japplika l-istess restrizzjoni għas-šhab, għan-negozjanti u għas-sewweġja awtorizzati tiegħu stess.

Il-manifattur jista' jimplimenta l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-fluss tad-data tal-vettura, sa fejn dan ikun neċessarju u proporzjonat għall-konformità mal-Artikolu 4(5)(d) u mal-Anness II, il-linja D4, tar-Regolament (UE) 2019/2144 u mal-Artikoli 4(7), 4(8) u 6(3) tar-Regolament (UE) 2024/1257. Għall-aċċess bl-użu tal-mezzi deskritti fi 2.9(a) u (b), tali kundizzjonijiet ma għandhomx imorru lil hinn mill-kundizzjonijiet li l-manifattur jitħalla japplika skont l-Appendiċi 4 ta' dan l-Anness.”

* Ir-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) Nru 154 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kriterji, tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-awtonomija elettrika (WLTP) [2021/2039] (ĠU L

423, 26.11.2021, p. 1–603, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/2039/oj?locale=mt>)

** Ir-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) Nru 49 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' partikoli niġġiesa u ta' inkwinanti gassużi minn magni ta' tqabbid bil-kompressjoni u minn magni ta' tqabbid bi spark għall-użu fil-vetturi [2023/64] (ĠU L 14, 16.1.2023, p. 1–473, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/64/oj?locale=mt>)

(14) il-punt 6.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6.1. Il-konformità mal-obbligu għall-manifattur li jipprovdi informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi fuq is-siti web tiegħu permezz ta' format standardizzat għandha tiġi preżunta jekk jikkonforma mal-Partijiet tal-istandard ISO 18541-1:2021 sa ISO 18541-4:2021 u ISO 18541-5:2018, kif imsemmi fil-punt 2.1.

Dawk li jeħtieġu d-dritt li jidduplikaw jew jipubblikaw mill-ġdid tali informazzjoni għandhom jinnegozjaw direttament mal-manifattur ikkonċernat. L-informazzjoni għall-materjal ta' taħriġ għandha wkoll tkun disponibbli, u tista' tiġi ppreżentata permezz ta' media oħra għajr is-siti web.

6.1.1. Għall-fini tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, il-manifattur għandu jagħmel l-informazzjoni disponibbli bħala fajls fil-format li jservi għall-ipproċessar elettroniku dirett tas-settijiet ta' data li jinsabu f'dawk il-fajls. L-informazzjoni għandu jkollha l-istess livell ta' dettall li jintuża mill-manifattur għal skopijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni. Din għandha tiġi ddokumentata għall-finijiet ta' interpretazzjoni u tiġi aġġornata bil-frekwenza miftiehma mal-operatur indipendenti. L-aġġornamenti għandhom ikunu disponibbli bl-istess frekwenza u twaqqit li jkunu disponibbli għan-negozjanti u għas-sewweġja awtorizzati. L-informazzjoni għandha tiġi offruta f'pakketti abbażi tal-informazzjoni teknika skont il-każ tal-użu, hekk kif tkun disponibbli għall-manifattur. L-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-punt għandha tiġi pprovduta abbażi tat-termini u tal-kundizzjonijiet stipulati mill-manifattur f'konformità ma' dan ir-Regolament, bħat-termini tal-ħlas u kwalunkwe kundizzjoni jew limitazzjoni tal-użu kompatibbli u t-tariffi meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 63(1) ta' dan ir-Regolament. Il-pakketti ta' informazzjoni ddefiniti abbażi ta' kriterji li jirriflettu r-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-Każ ta' Użu 5.1.1., għall-Każ ta' Użu 5.1.2, għall-Każ ta' Użu 5.2, għall-Każ ta' Użu 5.3, għall-Każ ta' Użu 5.4, għall-Każ ta' Użu 5.5, għall-Każ ta' Użu 5.7, għall-Każ ta' Użu 5.8, għall-Każ ta' Użu 5.9, għall-Każ ta' Użu 8 u għall-Każ ta' Użu 11 tal-istandard ISO 18541-1 2021 għandhom ikunu preżunti bħala konformi.

Il-manifattur għandu jipprovdi biss, minn [UP daħħal id-data = 12-il mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], pakketti ta' informazzjoni ddefiniti abbażi ta' kriterji li jirriflettu r-rekwiżiti ta' informazzjoni meħtieġa għall-Każ ta' Użu 5.3 u għall-Każ ta' Użu 5.4 fl-ISO 18541-1:2021 li huma disponibbli biss għal kull numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN, Vehicle Identification Number) fejn sewweġ indipendenti jitlob dan permezz ta' Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-

Applikazzjonijiet (API, Application Programming Interface¹). F'każijiet bħal dawn, is-sewwej indipendenti għandu jibgħat talba speċifika għall-VIN lill-manifattur permezz ta' parti terza li taġixxi fuq il-bażi ta' ftehim mal-manifattur.

Meta l-pakketti ta' informazzjoni jiġu ddefiniti abbażi ta' kriterji li jirriflettu r-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-Każ ta' Użu 8 fl-ISO 18541-1:2021, il-manifattur għandu jipprovdi API, minn [UP daħħal id-data = 12-il mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], lil tali parti terza li tippermetti lis-sewwej indipendenti jara u jaġġorna l-istorja elettronika tal-manutenzjoni soġġett għall-kundizzjonijiet addizzjonali kif speċifikati fl-ISO u, meta xieraq, għall-kundizzjonijiet u għall-proċessi tal-manifattur għall-ftehim mal-klijent. Il-manifattur għandu jaġġmel dan soġġett għall-istess proċessi jew għal proċessi ekwivalenti u għall-informazzjoni meħtieġa bħal dawk speċifikati fis-sit web tal-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-manifattur. F'każijiet bħal dawn, is-sewwej indipendenti, bi qbil mal-klijent, jista' jittrażmetti talba għal aġġornament tar-rekords tat-tiswija jew tal-manutenzjoni lill-manifattur permezz ta' parti terza li taġixxi abbażi ta' ftehim mal-manifattur. Jista' jintuża ċertifikat konformi mar-Rakkomandazzjoni ITU-T X.509 tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni biex tiġi vverifikata l-identità tas-sewwej indipendenti.

L-aċċess għal tali APIs, inkluż għall-aġġornament tal-entrati tal-istorja tal-manutenzjoni elettronika, għandu jkun soġġett għall-Artikolu 63(1).

L-informazzjoni għandha tkun strutturata b'mod li aktar tard ikun possibbli li wieħed ifittex u jiffiltra l-informazzjoni li tinsab fil-pakkett skont il-kriterji tal-klassifikazzjoni tat-tip tal-mudell u kriterji oħra ta' klassifikazzjoni użati min-network tal-manifattur tal-vettura stess.

6.1.2. L-informazzjoni fuq il-partijiet kollha tal-vettura, li bihom hija mgħammra l-vettura, kif identifikat mill-VIN u kwalunkwe kriterju addizzjonali bħall-bażi tar-roti, l-output tal-magna, il-livell jew l-għażliet tal-finitura, mill-manifattur tal-vettura u li jistgħu jiġu ssostitwiti minn spare parts offruti mill-manifattur tal-vettura lis-sewwejja jew lil negozjanti awtorizzati tiegħu jew lil partijiet terzi permezz ta' referenza għan-numru tal-partijiet tat-tagħmir oriġinali (OE, Original Equipment), għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni, fil-forma ta' settijiet ta' data li jinqraw minn magna u li jistgħu jiġu pproċessati elettronicament, f'bażi tad-data li hija aċċessibbli għall-operaturi indipendenti.

Dik il-bażi tad-data għandu jkun fiha l-VIN, in-numri tal-partijiet tal-OE, l-isem tal-OE tal-partijiet, l-attributi tal-validità (id-dati ta' validità minn u ta' validità sa), l-attributi tal-fittings u, fejn applikabbli, il-karatteristiċi tal-istrutturar.

L-informazzjoni fil-bażi tad-data għandha tiġi aġġornata b'mod regolari. Jekk din l-informazzjoni tkun disponibbli għal negozjanti awtorizzati, l-aġġornamenti għandhom jinkludu l-modifiki kollha għall-vetturi individwali wara l-produzzjoni tagħhom.”;

(15) il-punt 6.2.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6.2.2. għandu jintuża l-istandard [https//ssl-tls](https://ssl-tls) (RFC5246) jew kwalunkwe suċċessur għal dan l-istandard;”

¹ Kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 tal-21 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi lista ta' settijiet tad-data speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u għall-użu mill-ġdid tagħhom.

(16) il-punt 6.2.3. huwa sostitwit b'dan li ġej:
“6.2.3. ċertifikati ta' sikurezza f'konformità mal-istandard internazzjonali ISO/IEC 9594-8:2020 għandhom jintużaw għall-awtentikazzjoni reċiproka ta' operaturi u ta' manifatturi indipendenti;”

(17) il-punt 6.4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“

6.4. Ir-riprogrammazzjoni tal-unitajiet ta' kontroll, il-kodifikazzjoni tal-varjanti u l-attivazzjoni tal-partijiet ta' sostituzzjoni għandhom jitwettqu bl-użu ta' hardware nonproprietarju, mingħajr ebda dipendenza fuq il-hardware tal-manifattur f'konformità ma' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-istandard internazzjonali ISO 22900-2;

(b) SAE J2534-1;

(c) SAE J2534-2;

(d) TMC RP1210B;

(e) SOVD-Standard ISO/DIS 17978-1.

Meta jitwettqu bl-użu tal-Ethernet, ir-riprogrammazzjoni tal-unitajiet ta' kontroll, il-kodifikazzjoni tal-varjanti u l-attivazzjoni tal-partijiet ta' sostituzzjoni għandhom jitwettqu f'konformità mal-ISO22900-2 jew mal-J2534-2.

Għall-validazzjoni tal-kompatibbiltà tal-applikazzjoni speċifika għall-manifattur u tal-interfaċċi ta' komunikazzjoni tal-vetturi (VCI, Vehicle Communication Interface) li jikkonformaw mal-istandard internazzjonali ISO 22900-2 jew mal-SAE J2534-1 jew mal-SAE J2534-2 jew mat-TMC RP1210B, il-manifattur għandu joffri validazzjoni tal-VCIs żviluppata indipendentement jew inkella l-informazzjoni, u s-self ta' kwalunkwe hardware speċjali, meħtieġa sabiex manifattur tal-VCI jagħmel validazzjoni bħal din.

Il-manifattur jista' jitlob tariffi raġonevoli u proporzjonati għal validazzjoni bħal din jew informazzjoni u hardware. Dawk it-tariffi ma għandhomx jiskoraġġixxu l-użu ta' tali validazzjoni jew informazzjoni u hardware.

(18) jiddaħħal il-punt 6.4a. li ġej:

“6.4a. Minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-manifattur tal-vettura għandu jagħmel disponibbli għall-manifattur tal-għodda dijanjostika indipendenti kwalunkwe wieħed mis-software li ġejjin jew mill-informazzjoni li ġejja għat-tip ta' vettura li għalih ikun ingħata l-ewwel ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip wara l-1 ta' Settembru 2020:

(a) interfaċċi tas-software jew tas-servizzi tal-web għal manifatturi tal-għodda dijanjostika indipendenti għall-integrazzjoni tagħhom, li jippermettu l-kodifikazzjoni tal-varjanti, it-tqabbil ma' vettura ta' parti ta' sostituzzjoni oriġinali (inklużi software u hardware kompatibbli (kif definit mill-manifattur tal-vettura) ma' parti manifatturata mill-ġdid jew użata mill-ġdid) jew parti ta' sostituzzjoni awtorizzata mill-manifattur tal-vettura, kif ukoll ir-riprogrammazzjoni tal-unitajiet ta' kontroll b'software ta' tagħmir oriġinali tal-vettura skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vettura, jew;

(b) l-informazzjoni, il-proċessi u r-riżorsi neċessarji biex jiġu implimentati l-kodifikazzjoni u r-riprogrammazzjoni tal-varjanti f'għodda dijanjostika indipendenti tal-manifattur tal-għodda dijanjostika indipendenti.

Madankollu, b'deroga mit-terminu speċifikat fl-ewwel sentenza ta' dan il-punt, il-manifattur tal-vettura għandu jagħmel disponibbli s-software jew l-informazzjoni msemmija fil-punti a) u b) hawn fuq mid-dati li ġejjin:

- (i) [OP, jekk jogħġbok daħħal id-data li tikkorrispondi għal 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], fir-rigward ta' vetturi li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ingħatat għall-ewwel darba wara l-1 ta' Settembru 2020 iżda qabel is-6 ta' Lulju 2022;
- (ii) [OP, jekk jogħġbok daħħal id-data li tikkorrispondi għal 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għal kwalunkwe operazzjoni li tinvolvi jew li tiddependi fuq it-twettiq ta' aġġornamenti tas-software.”

(19) jiddaħħal il-punt 6.4b li ġej:

“6.4.b Sakemm il-manifattur tal-vettura jagħmel disponibbli s-software jew l-informazzjoni għat-tip ta' vettura msemmi fil-punt 6.4a u għall-perjodu ta' sentejn wara dik id-data, l-użu tal-hardware dijanjostiku u tas-software dijanjostiku tal-manifattur tal-vettura minn fornituri ta' servizzi remoti, kif imsemmi fil-punt 1.2. tal-Appendiċi 4, għall-finijiet ta' programmazzjoni mill-ġdid u ta' kodifikazzjoni tal-varjanti jew ta' attivazzjoni tal-partijiet għandu jkun soġġett għall-istess tariffi u kundizzjonijiet ta' ħlas, bħal dawk applikabbli għas-sewwejja indipendenti, irrispettivament minn jekk dawk l-għodod dijanjostiċi jintużawx b'mod remot.

Barra minn hekk, il-manifattur tal-vettura għandu jaqsam ma' kwalunkwe manifattur ta' għodda dijanjostika interessat, malli dawn ikunu disponibbli:

- (a) l-informazzjoni neċessarja għall-implimentazzjoni tal-API bejn is-sistemi rilevanti tal-manifattur tal-vettura u tal-manifatturi tal-għodod dijanjostiċi,
 - (1) mhux aktar tard minn [OP, jekk jogħġbok daħħal id-data li tikkorrispondi għal 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att] għal kwalunkwe operazzjoni li tinvolvi jew li tiddependi fuq it-twettiq ta' aġġornamenti tas-software u,
 - (2) għal operazzjonijiet oħra, mhux aktar tard minn [OP, jekk jogħġbok daħħal id-data li tikkorrispondi għal 3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att] jew,
 - (3) fir-rigward ta' vetturi li għalihom tkun ingħatat l-approvazzjoni tat-tip għall-ewwel darba qabel is-6 ta' Lulju 2022, mhux aktar tard minn [OP, jekk jogħġbok daħħal id-data li tikkorrispondi għal 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att].
- (b) l-informazzjoni neċessarja għall-ittestjar tal-funzjonalità u tal-interazzjoni ta' aġġornament għall-hardware, mhux aktar tard minn [OP, jekk jogħġbok daħħal id-data li tikkorrispondi għal 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att] għal kwalunkwe operazzjoni li tinvolvi jew tiddependi fuq it-twettiq ta' aġġornamenti tas-software.”;

(20) jiddaħħal il-punt 6.4c. li ġej:

“6.4c. Id-diżakkoppjament tal-komponenti, tal-unitajiet tekniċi separati, tal-parts u tat-tagħmir, ħliet għal dawk li oriġinarjament ġew iddisinjati biex ma jiġux

diżakkoppjati, għandu jsir f'konformità mal-proċess stabbilit f'dan il-punt. Ma għandu jkun soġġett għall-ebda kundizzjoni għajr dawk imsemmija f'dan il-punt.

Il-manifattur għandu jstabilixxi proċess għad-diżakkoppjament tal-komponenti, tal-unitajiet tekniċi separati, tal-parts u tat-tagħmir. Għall-fini tal-installazzjoni ta' komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir użati mill-ġdid, il-proċessi definiti mill-manifattur tal-vettura jstgħu jinkludu rekwiżit li jiġi pprovdut l-identifikatur uniku (inkluż, fejn rilevanti, in-numru tas-serje tal-unità) ta' dan il-komponent, l-unitajiet tekniċi separati, il-part jew it-tagħmir ikkonċernati, u l-VIN tal-vettura, kif ukoll rekwiżit li jinkiseb ftehim mis-sid jew mil-lokatarju tal-vettura, meta dawn ikunu identifikabbli. Meta jkun meħtieġ ftehim, dan jista' jiġi pprovdut b'mod asinkroniku mid-deinstallazzjoni tal-part.

Għall-fini ta' manifattura mill-ġdid fi proċess industrijali, fejn komponent, unitajiet tekniċi separati, part jew tagħmir mil-busa jew bil-ħsara jiġi restawrat għall-ispeċifikazzjoni oriġinali tiegħu, il-VIN tal-vettura oriġinali mhux se jkun meħtieġ għad-diżakkoppjament mill-vettura oriġinali. F'dan il-każ, jista' jkun meħtieġ l-identifikatur uniku tal-komponent u l-ftehim, is-sid jew il-lokatarju tal-vettura, meta dawn ikunu identifikabbli.

L-operaturi indipendenti kollha, inklużi l-manifatturi mill-ġdid u r-rinnovaturi, awtentikati f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-Appendiċi 4, għandu jkollhom aċċess ugwali għal dawn il-proċessi.

Għall-fini tal-awtentikazzjoni ta' tali operatur, meta l-proċess ta' diżakkoppjament tal-manifattur tal-vettura jkun irid jitlesta fuq il-pjattaformi mhux abbord tiegħu, għandhom jiġu aċċettati l-kredenzjali ta' awtentikazzjoni maħruġa f'konformità mal-punt 9.2 tal-Appendiċi 4, jew dawk użati għall-aċċess għas-sit web tal-RMI tal-manifattur tal-vettura.”

(21) jitħassru l-punti 7.2. u 7.3.;

(22) il-punt 7.4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7.4. Abbażi ta' ċertifikat komplut dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tippreżumi li l-manifattur daħħal fis-seħħ arranġamenti u proċeduri sodisfaċenti fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, dment li ma jkun sar l-ebda lment.”;

(23) jiżdied il-punt 7.5. li ġej:

“7.5. L-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandhom jiġu pprovduti lill-operaturi indipendenti sa mhux aktar tard mid-data li fiha l-vettura tiġi introdotta fis-suq.”;

(24) fl-Appendiċi 2, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-informazzjoni meħtieġa għall-manifattura tal-għodod dijanjostiċi

Sabiex tkun iffaċilitata l-provvista ta' għodod dijanjostiċi ġeneriċi għal sewwejja ta' ħafna marki, il-manifattur tal-vetturi għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni msemmija fil-punti 3.1, 3.2 u 3.3. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-funzjonijiet

kollha tal-għodod dijanjostiċi u l-links kollha għall-informazzjoni dwar it-tiswija u għall-istruzzjonijiet għall-individwazzjoni ta' soluzzjoni. L-aċċess għall-informazzjoni jista' jkun soġġett għall-ħlas ta' ammont raġonevoli.”;

(25) L-Appendiċi 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 2, jiżdiedu l-punti 2.1.14. u 2.1.15. li ġejjin:

“2.1.14. Fornitur ta' Servizzi Remoti (RSS, Remote Service Supplier)”

“fornitur ta' servizzi remoti (RSS)” għandha tfisser fornitur ta' servizz li jwettaq mill-bogħod, bħala servizz ipprovdut lill-operatur indipendenti (IO, Independent Operator) fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu relatati mal-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni relatati mas-sigurtà (SERMI, Security-related Repair and Maintenance Information), l-ipprogrammar, l-immuntar jew l-attivazzjoni ta' partijiet u ta' tagħmir fuq vettura.

2.1.15. “Impjegat tal-RSS”

“Impjegat tal-RSS” għandha tfisser l-impjegat ta' RSS approvat li, wara awtorizzazzjoni mill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità (CAB, Conformity Assessment Body), ikollu aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni (RMI, Repair and Maintenance Information) relatata mas-sigurtà.”;

(b) fil-punt 3, it-tielet u r-raba' punti huma sostitwiti b'dan li ġej:

“IOs li jixtiequ jirċievu RMI relatata mas-sigurtà għandhom jiksbu ċertifikat ta' spezzjoni tal-approvazzjoni minn CAB akkreditat.

L-impjegati tal-IO li għandhom jimmaniġġjaw RMI relatata mas-sigurtà għandhom jiksbu ċertifikat ta' spezzjoni tal-awtorizzazzjoni minn CAB akkreditat.”;

(c) fil-punt 4.1.1, jiżdied il-punt (f) li ġej:

“(f) l-SERMI għandha timmaniġġja lista ta' interpretazzjonijiet sanzjonati, li għandha tintuża esklużivament għall-fini tal-interpretazzjoni tal-iskema.”

(d) jiżdied il-punt 4.4.2. li ġej:

“4.4.2. L-RSS għandhom ikunu soġġetti għar-responsabbiltajiet u għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 4.4.1.”;

(e) jiżdied il-punt 4.5.2. li ġej:

“4.5.2. L-impjegat tal-RSS għandhom ikunu suġġetti għar-responsabbiltajiet u għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 4.5.1.”;

(26) jiżdied l-Appendiċi 4 li ġej:

“Appendiċi 4

Kundizzjonijiet u proċedura għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi

1. Kamp ta' applikazzjoni

1.1. Dan l-Appendiċi fih il-kundizzjonijiet għall-aċċess li l-manifattur għandu jitħalla jistabbilixxi u l-proċeduri li l-manifattur tal-vettura għandu japplika jew għandu jitħalla biss jesiġi li japplikaw partijiet oħra, filwaqt li jimplementa l-miżuri

ta' sigurtà għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBd imsemmija fil-punti 2.9.(a) u (b) ta' dan l-Anness.

1.2. Kwalunkwe referenza f'dan l-Appendiċi għal operaturi indipendenti jew għas-sħab, għan-negozjanti u għas-sewwejja awtorizzati tal-manifattur, kif ukoll għal manifattur tal-vettura li jaġixxi għal skopijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni f'dan l-Appendiċi għandha tinkludi kwalunkwe persuna jew operatur li jaġixxi f'isimhom, bħal fornitur ta' servizz li jwettaq b'mod remot, bħala servizz ipprovdut lill-operatur indipendenti, l-ipprogrammar, l-immuntar jew l-attivazzjoni ta' partijiet u ta' tagħmir fuq vettura (fornituri ta' servizzi remoti).

2. Obbligi tal-manifattur

2.1. Il-manifattur tal-vettura għandu jkun responsabbli biex jiżgura li l-prerekwiżiti tekniċi kollha għall-applikazzjoni tal-proċeduri msemmija f'dan l-Appendiċi jkunu fis-seħħ, inklużi l-kredenzjali ta' aċċess bħal ċertifikati jew tokens tas-software u l-arranġamenti neċessarji mal-manifatturi tal-għodod dijanjostiċi.

2.2. Il-manifattur tal-vettura għandu juri lill-awtorità tal-approvazzjoni li l-vettura tkun iddisinjata biex tippermetti aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBd, f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Appendiċi, bl-użu ta' għodod dijanjostiċi ta' marki multipli.

2.3. Il-manifattur tal-vettura għandu jipprovidi lill-manifatturi tal-għodod dijanjostiċi l-informazzjoni msemmija fil-punt 11 ta' dan l-Appendiċi.

2.4. Il-manifattur tal-vettura għandu jiżgura li s-server tiegħu użat biex jippermetti l-aċċess skont il-punt 2.9 ta' dan l-Anness joffri lill-operaturi indipendenti, fuq bażi mhux diskriminatorja, l-istess disponibbiltà u prestazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni li joffri lis-sħab, lin-negozjanti u lis-sewwejja awtorizzati tal-manifattur tal-vettura jew lill-manifattur tal-vettura li jużaha għal dan l-għan.

Il-manifattur tal-vettura għandu jiżgura li kwalunkwe server użat għall-fini tal-għoti ta' aċċess skont il-punt 2.9 ta' dan l-Anness ikun aċċessibbli mingħajr interruzzjoni, ħlief għal ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevedibbli barra mill-kontroll tal-manifattur tal-vettura u mhux attribwibbli għal negliġenza min-naħa tiegħu, jew kif meħtieġ għall-finijiet ta' manutenzjoni tas-sistema ta' informazzjoni. F'każ ta' manutenzjoni, il-perjodu ta' nuqqas ta' disponibbiltà ma għandux jaqbeż il-perjodu ta' manutenzjoni ta' kwalunkwe server ieħor użat mill-manifattur biex jippermetti l-aċċess għall-finijiet imsemmija fil-punt 2.9. ta' dan l-Anness. L-informazzjoni tal-manutenzjoni pjanata għandha tkun disponibbli għall-manifatturi tal-għodod dijanjostiċi biżżejjed minn qabel.

Il-manifattur tal-vettura għandu jagħmel l-informazzjoni dwar l-istatistiki annwali relatati mad-disponibbiltà tas-server disponibbli għall-awtorità tal-approvazzjoni fuq

talba. Il-każijiet ta' nuqqas ta' disponibbiltà tas-server għandhom jiġu rrapportati minnufih mill-manifattur tal-vettura lill-Forum OBD definit fil-punt 12.

2.5. Il-manifattur tal-vettura ma għandux jirrestrinġi l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD lil hinn mir-restrizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Appendiċi sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-manifattur tal-vettura ma għandux jirrestrinġi l-aċċess minn operaturi indipendenti għall-informazzjoni dwar l-OBD lil hinn mir-restrizzjonijiet applikabbli għas-sħab, għan-negożjanti u għas-sewweġja awtorizzati tiegħu jew għall-manifattur tal-vettura li jaċċessa l-informazzjoni dwar l-OBD għal skopijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni.

2.6. Il-manifattur tal-Vettura għandu jiżgura li l-miżuri taċ-ċibersigurtà li jimplimenta, inklużi r-rekwiżiti ta' kompatibbiltà msemmija fil-punt 6.2, ma jirriżultawx fir-restrizzjoni jew fit-tfixkil tal-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD skont dan l-Appendiċi lil hinn minn dak li jkun neċessarju u proporzjonat għall-konformità mal-Artikolu 4.5(d) u mal-Anness II, il-linja D4, tar-Regolament (UE) 2019/2144. Tali miżuri jistgħu jindirizzaw ir-riskji u t-theddid futuri fejn il-manifattur tal-vettura jista' juri l-impatt u l-probabbiltà tagħhom.

2.7. Kwalunkwe miżura implimentata mill-manifattur tal-vettura biex jipprevjeni tbaġħbis tal-emissjonijiet u frodi tal-odometru ma għandhomx jillimitaw jew ifixklu l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD lil hinn minn dak li jkun neċessarju u proporzjonat biex ikun konformi mal-Artikoli 4(7) u 4(8) tar-Regolament (UE) 2024/1257.

3. Awtentikazzjoni

3.1. Il-manifattur tal-vettura jista', bħala kundizzjoni għall-ħruġ tal-kredenzjali ta' aċċess, jeħtieġ l-awtentikazzjoni tal-manifattur tal-ġhodda dijanjostika u tal-ġhodda dijanjostika użata, ħlief għall-operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni li ġejjin:

- (a) il-qari tal-kodiċijiet tad-dijanjostika tal-ħsarat;
- (b) il-qari tal-VIN tal-vettura;
- (c) il-qari tad-data u l-ikklirjar tal-kodiċijiet tad-dijanjostika tal-ħsarat fejn l-aċċess mhux ristrett permezz ta' ġhodda għall-iskennjar ġenerika jew tal-OBD ikun meħtieġ jew skont ir-Regolament (UE) Nru 2017/1151 jew skont ir-Regolament (UE) Nru 2024/1257; jew inkella previst fir-Regolament tan-NU Nru 49, fir-Regolament tan-NU Nru 83*, fir-Regolament tan-NU 168** jew fir-Regolament tan-NU Nru 154.

3.2. Kull meta l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ikun jinvolvi bidliet fil-vettura, il-manifattur tal-vettura jista', bħala kundizzjoni għall-ħruġ tal-kredenzjali ta' aċċess, jeħtieġ l-awtentikazzjoni tal-operatur. Fil-każ ta' apparati użati għal skopijiet ta' monitoraġġ, fejn id-data tinqara biss u tiġi rrapportata b'mod awtonomu lis-server tal-manifatturi tal-ġhodod dijanjostiċi mingħajr ebda interazzjoni umana, il-manifattur tal-vettura ma għandux jeħtieġ l-awtentikazzjoni tal-operatur.

3.3. Meta l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ikun jinvolvi bidla fis-software tal-vettura jew fil-konfigurazzjoni/fil-parametri tiegħu li tikkonsisti fir-riprogrammazzjoni tal-kodiċi tas-software tal-vettura, li tirriżulta f'bidla fl-imġiba maħsuba tal-vettura u li tippersisti lil hinn mill-operazzjoni ta' tiswija u ta' manutenzjoni, u l-bidla tkun tista' titreġġa' lura jew tiġi ssostitwita biss bit-tweqq ta' operazzjoni ekwivalenti, il-manifattur tal-vettura jista' jeħtieġ l-awtentikazzjoni tal-impjegat tal-operatur li jkun qed ifittex aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD, sakemm il-manifattur tal-għodda dijanjostika ma jaffermax lill-manifattur tal-vettura li, abbażi tar-riżultat ta' awditu indipendenti mwettaq mhux iktar minn 3 snin qabel it-talba, l-operatur ikollu sistema fis-seħħ li tippermetti l-identifikazzjoni mhux ambigwa tal-impjegat li jkun qed ifittex aċċess b'hal dan.

3.4. Il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 3.2 għandhom jinkludu tali operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni b'hall-attivazzjoni tal-attwaturi u tar-rutini tat-testijiet funzjonali, l-ikklijjar tal-kodiċijiet tad-dijanostika tal-ħsarat, ir-risettjar tad-dwal tas-servizz, ir-risettjar tal-parametri tat-taħriġ adattabbli, u sostituzzjoni tal-partijiet inkluża l-inizjalizzazzjoni tal-komponent mhux intelliġenti u l-qari tad-data bl-identifikatur, ħlief meta jintuża għall-finijiet ta' Spezzjoni Teknika Perjodika b'valuri komparabbli mal-valuri definiti fl-Anness B tal-ISO20730-3, dment li dawn il-valuri jkunu disponibbli fil-vettura.

3.5. Il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 3.2. għandhom jinkludu l-kalibrazzjoni, mifhuma b'hal proċess ta' aġġustament jew ta' allinjament tal-parametri tas-software u tal-hardware tal-vettura kif stipulat mill-manifattur tal-vettura u mingħajr kodifikazzjoni tal-varjanti jew modifika tas-software tal-vettura.

3.6. Għall-finijiet tal-awtentikazzjoni msemmija fil-punti 3.1 sa 3.3., il-manifattur tal-għodda użata għall-aċċess tal-informazzjoni dwar l-OBD jista' jkun meħtieġ mill-manifattur tal-vettura biex jattesta lill-manifattur tal-vettura dawn li ġejjin:

- (a) l-identità tal-għodda dijanjostika,
- (b) meta l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ikun jinvolvi bidliet fil-vettura msemmija fil-punt 3.2, l-identità tal-għodda dijanjostika u l-identità psewdonimizzata tal-operatur u l-konformità tal-operatur mar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-punt 8.1.,
- (c) meta l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ikun jinvolvi bidla fis-software tal-vettura jew fil-konfigurazzjoni/il-parametri tiegħu li jikkonsistu fir-riprogrammazzjoni tal-kodiċi tas-software tal-vettura, li tirriżulta f'bidla fl-imġiba maħsuba tal-vettura u li tippersisti lil hinn mill-operazzjoni ta' tiswija u ta' manutenzjoni, u l-bidla tkun tista' titreġġa' lura jew tiġi ssostitwita biss bit-tweqq ta' operazzjoni ekwivalenti, kif imsemmi fil-punt 3.3, l-identità psewdonimizzata tal-impjegat tal-operatur u l-konformità ta' dan l-impjegat mar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt 8.2.

3.7. Fil-każijiet imsemmija fil-punt 3.6., il-punt b) u c), l-identità tal-operatur u, fejn rilevanti, tal-impjegat tal-operatur u l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-punti 8.1. u 8.2. għandhom jiġu vverifikati mill-manifattur tal-għodda dijanjostika użata għall-aċċess tal-informazzjoni dwar l-OBd jew stabbiliti abbażi ta' ċertifikat ta' awtorizzazzjoni msemmi fil-punt 9.2.

3.8. Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda tariffa mill-manifattur tal-vettura biex jagħti aċċess skont il-punt 2.9. tal-Anness X. Madankollu, il-manifattur tal-vettura jista' jitlob tariffi ġustifikati u proporzjonati għall-użu tal-faċilità remota msemmija fil-punt 2.9, il-punt c).

4. Rekwiżiti ta' konnessjoni

4.1. Ħlief għall-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 3.1, il-punti (a) sa (c), il-manifattur tal-vettura jista' jirrikjedi konnessjoni online ta' darba mill-għodda dijanjostika permezz tas-server tal-manifattur tal-għodda dijanjostika għas-server tal-manifattur tal-vettura biex jirċievi l-kredenzjali. Wara l-għoti tal-kredenzjali ta' aċċess, l-aċċess ma għandux jeħtieġ konnessjoni online.

4.2. Kull meta l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBd ikun jinvolvi bidla fis-software tal-vettura jew fil-konfigurazzjoni tiegħu jew fil-parametri tiegħu li tirriżulta f'tibdil fl-imġiba maħsuba tal-vettura li tippersisti lil hinn mill-operazzjoni ta' tiswija u ta' manutenzjoni u li tista' titreġġa' lura jew tiġi ssostitwita biss bit-tweġiq ta' operazzjoni ekwivalenti, il-manifattur tal-vettura jista' jirrikjedi konnessjoni online kontinwa fil-ħin li titwettag it-tiswija mill-għodda dijanjostika mas-server tal-manifattur tal-għodda dijanjostika kif ukoll mill-manifattur tal-għodda dijanjostika mas-server tal-manifattur tal-vettura.

4.3. Il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 4.2. għandhom jinkludu dawn li ġejjin;

(a) l-operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni bħala l-istabbiliment ta' komponent ta' sostituzzjoni u tal-preferenzi tal-klijent, l-identifikazzjoni ta' Unità ta' Kontroll Elettroniku (ECU, Electronic Control Unit) u l-kodifikazzjoni tal-varjanti, l-inizjalizzazzjoni ta' ECU u ta' komponent, il-kodifikazzjoni tal-varjanti meta jiġu ssostitwiti komponenti eżistenti, u l-kodifikazzjoni tal-varjanti meta jiżdied komponent ġdid;

(b) l-operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni msemmija fil-punt 5.5.

4.4. Il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 4.2 ma għandhomx jinkludu operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni enumerati fil-punti 3.4 u 3.5.

4.5. Madankollu, b'deroga mill-punt 4.4., il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 4.2. jinkludu l-operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni msemmija fil-punt 3.5. fejn ikun neċessarju li jiġu vvalidati l-valuri tal-kalibrazzjoni li jkunu soġġetti għal rekwiżiti regolatorji jew meta l-kalibrazzjoni ma tkunx tista' titlesta mingħajr id-data

dwar komponenti individwali jew speċifika għall-unità teknika separata neċessarja biex jitlesta l-proċess ta' tiswija u miksuba mis-server tal-manifattur bħala parti minn proċess ta' kodifikazzjoni tal-varjanti.

5. Rekwiżiti ta' traċċabilità

5.1. Ħlief għal każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punti a) sa c) tal-punt 3.1, il-manifattur tal-vettura jista' jitlob lill-manifattur tal-għodda dijanjostika jiġbor u jaħżen il-VIN tal-vettura u l-identifikatur uniku tal-għodda dijanjostika.

5.2. Kull meta l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ikun jinvolvi bidliet fil-vettura, il-manifattur tal-vettura jista' jitlob lill-manifattur tal-għodda dijanjostika jiġbor u jaħżen informazzjoni dwar il-kompiti dijanjostiċi eżegwiti kollha (eż. l-ID tas-servizz u s-subfunzjoni) u d-data u t-timbri tal-ħin UTC tal-parametri/attributi użati għal kull interazzjoni mal-vettura.

5.3. Il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 5.2. għandhom jinkludu tali operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni bħal dawk imsemmija fil-punti 3.4., 3.5., 4.3. u 4.5.

5.4. Kull meta l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ikun jinvolvi bidla fis-software tal-vettura jew fil-konfigurazzjoni/il-parametri tiegħu li tikkonsisti fir-riprogrammazzjoni tal-kodiċi tas-software tal-vettura, li tirriżulta f'bidla fl-imgħiba maħsuba tal-vettura u li tippersisti lil hinn mill-operazzjoni ta' tiswija u ta' manutenzjoni, u din il-bidla tkun tista' titreġġa' lura jew tiġi ssostitwita biss bit-tweqq ta' operazzjoni ekwivalenti, il-manifattur tal-vettura jista' jirrikjedi li l-manifattur tal-għodda dijanjostika jiġbor u jipprovdi r-riżultati tal-ispezzjoni tat-topoloġija tan-netwerk tal-vettura, l-istat inizjali tal-vettura mal-konnessjoni, inklużi l-verżjonijiet tal-hardware/software tal-unitajiet ta' kontroll elettroniku kollha installati fil-vettura, ir-riżultati tal-interazzjoni tal-moduli u tar-rutini kollha mħaddma (eż. il-parametri rritornati) u r-riżultati tal-qari tal-verifika finali tas-saħħa tal-vettura wara t-tiswija.

5.5. Il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 5.4. għandhom jinkludu tali operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni bħat-tqabbil ta' parti ta' sostituzzjoni oriġinali (inkluża parti manifatturata mill-ġdid jew użata mill-ġdid kompatibbli mas-software u mal-hardware (kif definiti mill-manifattur tal-vettura)) jew parti ta' sostituzzjoni awtorizzata mill-manifattur tal-vettura ma' vettura permezz ta' għodda dijanjostika indipendenti u r-riprogrammazzjoni ta' modulu li juża software tal-vettura tat-tagħmir oriġinali u software tal-ipprogrammar tat-tagħmir oriġinali f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vettura. Għandha tinkludi wkoll każijiet ta' diżakkoppjament jew dereġistrazzjoni ta' parti minn vettura.

5.6. Il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 5.4. ma għandhomx jinkludu operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni enumerati fil-punti 3.4., 3.5., 4.3. u 4.5.

6. Ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà applikabbli għall-għodda dijanjostika

6.1. Ħlief għall-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punti a) sa c) tal-punt 3.1, il-manifattur tal-vettura jista' jirrikjedi li l-għodda dijanjostika użata għall-aċċess tal-informazzjoni dwar l-OBD tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2024/2847 u li l-manifattur tal-għodda dijanjostika jikkonforma mal-Iskambju ta' Valutazzjoni tas-Sigurtà tal-Infurmazzjoni ta' Fiduċja (TISAX, Trusted Information Security Assessment Exchange), għal-livell speċifikat mill-manifattur tal-vettura f'konformità mal-punt 2.5, jew mal-ISO 27001.

6.2. Kull meta l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD jinvolti bidliet fil-vettura msemmija fil-punt 3.2., il-manifattur tal-vettura jista' jirrikjedi li l-għodda dijanjostika użata għall-aċċess tal-informazzjoni dwar l-OBD u l-manifattur tal-għodda dijanjostika jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-implimentazzjoni tas-sigurtà tal-manifattur tal-vettura.

6.3. Ir-rekwiżiti tal-implimentazzjoni tas-sigurtà tal-manifattur tal-vettura ma għandhomx jaqbu r-rekwiżiti imposti fuq l-għodda dijanjostika proprja, fuq il-fornituri tal-għodda u fuq l-organizzazzjoni proprja tal-manifattur tal-vettura u għandhom jiġu applikati fuq bażi mhux diskriminatorja.

6.4. Il-manifattur tal-vettura jista' jitlob lill-manifattur tal-għodda dijanjostika jwettaq testijiet biex jivverifika l-konformità tal-għodda dijanjostika mar-rekwiżiti speċifikati. Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz għandu jiżgura li kwalunkwe verifika tar-riżultati ta' dawn it-testijiet imwettqa mill-manifattur tal-vettura ssir fil-ħin. F'każ li l-konformità tal-manifattur tal-għodda dijanjostika mar-rekwiżiti ta' din it-taqsimma ma tiġix ikkonfermata, għandha tiġi pprovduta dikjarazzjoni ċara tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità mill-manifattur tal-vettura, flimkien mal-miżuri meħtieġa li għandhom jiġu implimentati mill-manifattur tal-għodda dijanjostika.

6.5. Il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 6.2. għandhom jinkludu tali operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni bħal daww imsemmija fil-punti 3.4., 3.5.

6.6. Kull meta l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ikun jinvolti bidla fis-software tal-vettura jew fil-konfigurazzjoni/fil-parametri tiegħu li tirriżulta f'bidla fl-imġiba maħsuba tal-vettura li tippersisti lil hinn mill-operazzjoni ta' tiswija u ta' manutenzjoni, u din il-bidla tkun tista' titreġġa' lura jew tiġi ssostitwita biss bit-tweġġ ta' operazzjoni ekwivalenti, il-manifattur tal-vettura jista' jirrikjedi li l-għodda dijanjostika użata għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD u l-manifattur tal-għodda dijanjostika jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti tal-

implimentazzjoni tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Aġġornamenti tas-Software (kif definita fir-Regolament tan-NU Nru 156**) tal-manifattur tal-vettura. Dawk ir-rekwiżiti ma għandhomx jaqbżu r-rekwiżiti imposti fuq l-għodda dijanjostika proprja, fuq il-fornituri tal-għodda u fuq l-organizzazzjoni proprja tal-manifattur tal-vettura u għandhom jiġu applikati fuq bażi mhux diskriminatorja.

6.7. Il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 6.6. għandhom jinkludu tali operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni bħal dawk imsemmija fil-punti 4.3., 4.5. u 5.5. u ma għandhomx jinkludu dawk imsemmija fil-punti 3.4. u 3.5.

7. Kredenzjali tal-aċċess

7.1. Fejn ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet kollha msemmija fit-taqsimiet 3, 4 u 6, il-manifattur tal-vettura għandu, mingħajr dewmien, jipprova lill-manifattur tal-għodda dijanjostika kredenzjali tal-aċċess suffiċjenti biex jippermetti l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa dwar l-OBD.

7.2. Il-kredenzjali tal-aċċess jistgħu jkunu speċifiċi għall-VIN.

7.3. Il-kredenzjali tal-aċċess għandhom ikunu validi għal mill-inqas 30 jum mill-ħin tal-għoti.

7.4. Madankollu, kull meta l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD jinvolvi bidla fil-vettura, il-manifattur tal-vettura jista' jillimita l-validità tal-kredenzjali tal-aċċess għal 24 siegħa.

7.5. Il-każijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 7.4. għandhom jinkludu tali operazzjonijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni bħal dawk imsemmija fil-punti 3.4., 3.5., 4.3., 4.5. u 5.5.

8. Kriterji ta' awtorizzazzjoni u ċertifikati ta' awtorizzazzjoni

8.1. Fil-każijiet imsemmija fil-punt 3.2., il-manifattur tal-vettura jista' jirrifjuta li jgħid kredenzjali tal-aċċess jekk il-manifattur tal-għodda dijanjostika użata għall-aċċess tal-informazzjoni dwar l-OBD ma jattestax li l-operatur li jkun qed ifittex aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD:

a) ikollu assigurazzjoni valida tar-responsabbiltà b'ammont minimu ta' kopertura ta' EUR 1 miljun għal offiċja fuq il-persuna u EUR 0,5 miljun għal ħsara lill-proprjetà;

b) iwettaq attività leġittima ta' negozju fl-industrija tal-karozzi kif imsemmi fil-punt 6.3 ta' dan l-Anness;

L-ebda kundizzjoni oħra għall-ħruġ ta' kredenzjali tal-aċċess ma għandha tiġi imposta mill-manifattur tal-vettura għajr dawk speċifikati fil-punti (a) u (b).

8.2. Fil-każijiet imsemmija fil-punt 5.4, fejn il-manifattur tal-vettura jirrikjedi l-awtentikazzjoni tal-impjegat tal-operatur u sakemm il-manifattur tal-għodda dijanjostika ma jattestax lill-manifattur tal-vettura, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 3.3, li l-operatur ikollu sistema fis-seħħ li tippermetti identifikazzjoni mhux ambigwa tal-impjegat li jkun qed ifittex aċċess bħal dan, il-manifattur tal-vettura jista' jirrifjuta li jōhroġ il-kredenzjali tal-aċċess jekk il-manifattur tal-għodda dijanjostika użata sabiex tiġi aċċessata l-informazzjoni dwar l-OBd ma jattestax, minbarra l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 8.1., li l-impjegat li qed ifittex aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBd ikollu ftehim ta' impjeg mal-operatur li jkun qed ifittex aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBd u li l-impjegat ikkonċernat ikollu karta tal-identità speċifika għall-pajjiż valida jew dokument ekwivalenti.

8.3. Sabiex ikun eliġibbli għall-proċedura ta' awtentikazzjoni skont dan l-Appendiċi, il-manifattur tal-għodda dijanjostika għandu jkun impenja ruħu, fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti mal-operaturi, li jaċċetta fuq talba mill-operatur indipendenti, għall-finijiet tal-attestazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-punti 8.1. u 8.2., ċertifikat imsemmi fil-punt 9.2 ta' dan l-Appendiċi u maħruġ mhux aktar kmieni minn 60 xahar qabel it-talba tal-aċċess. Madankollu, meta l-operatur ma jitlobx li jiġi awtentikat abbażi ta' ċertifikat bħal dan, il-manifattur tal-għodda dijanjostika jista', għall-fini tal-awtentikazzjoni, jagħżel li jivverifika l-identità tal-operatur jew tal-impjegat tal-operatur u l-konformità mal-kriterji ta' awtorizzazzjoni permezz tal-proċessi tiegħu stess.

9. Korp ta' Valutazzjoni tal-Konformità u Ċentru Fiduċjarju

9.1. Iċ-ċertifikati msemmija fil-punti 3.7. u 8.3. għandhom jinħarġu minn Ċentru Fiduċjarju msemmi fil-punt 2.1.6. tal-Appendiċi 3 abbażi tas-sejbiet ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità kif imsemmi fil-punt 4.2.2. tal-Appendiċi 3 fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija fil-punt 9.2.

9.2. Għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikati ta' awtorizzazzjoni minn Ċentru Fiduċjarju, il-Korp ta' Valutazzjoni tal-Konformità għandu:

a) jikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b), (d), (e), (f), (g), (h), (i), (k), (l), (n), u (p) tal-punt 4.3.1. tal-Appendiċi 3 tal-Anness X;

b) jispezzjona u jikkonferma ċ-ċirkostanzi msemmija f'(d) u f'(g) tal-punt 4.3.3 tal-Appendiċi 3 tal-Anness X. Fil-każijiet imsemmija fil-punt 5.4, meta l-manifattur tal-vettura jeħtieġ l-awtentikazzjoni tal-impjegat tal-operatur, l-ispezzjoni u l-konferma ta' dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jirreferu għall-impjegat tal-operatur.

9.3. Għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' awtorizzazzjoni fil-każijiet imsemmija fil-punt 9.1., iċ-Ċentru Fiduċjarju għandu:

- a) jikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt 4.6 tal-Appendiċi 3;
- b) jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa kollha lill-manifattur tal-ġhodda dijanjostika biex jimplimenta ċ-ċertifikati fl-ġhodod dijanjostiċi tagħhom.

10. L-aċċess tal-manifattur tal-vettura għal informazzjoni dwar l-operatur

10.1 Il-manifattur tal-vettura għandu jikseb, fuq talba, mingħand il-manifattur tal-ġhodda dijanjostika aċċess għall-informazzjoni dwar operazzjoni individwali ta' tiswija jew ta' manutenzjoni rreġistrata f'konformità mat-taqsima 5 biss meta dan ikun neċessarju fir-rigward tax-xogħol ta' tiswija jew ta' manutenzjoni mwettaq fuq vettura individwali sabiex:

- a) jirreaġixxi għal suspett raġonevoli ta' użu ħażin serju tal-aċċess għall-vettura,
- b) iwettaq investigazzjonijiet f'każ ta' responsabbiltà dwar il-prodott jew ta' pretensjonijiet tal-garanzija
- c) jinvestiga inċidenti ta' ċibersigurtà jew ta' tbaġħbis illegali, iwieġeb mistoqsijiet ta' sid il-vettura jew ta' awtorità pubblika

Fil-każijiet imsemmija fil-punti b) u c), din l-informazzjoni għandha tinkludi, fejn applikabbli, l-informazzjoni dwar l-operatur u/jew l-impjegati tiegħu. F'każijiet li fihom għall-awtentikazzjoni l-manifattur tal-ġhodda dijanjostika jkun ibbaża fuq ċertifikat ipprovdut miċ-Ċentru Fiduċjarju, is-CAB rilevanti għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa abbażi tal-valutazzjoni tiegħu ta' talba dokumentata mill-manifattur tal-vettura.

Il-manifattur tal-vettura għandu jiżgura li l-informazzjoni dwar operazzjoni individwali ta' tiswija jew ta' manutenzjoni aċċessata għall-finijiet imsemmija fil-punti a) sa c) ma għandha tintuża għal ebda skop ieħor.

10.2. Fil-każijiet imsemmija fil-punt 10.1, il-manifattur tal-ġhodda dijanjostika għandu jinforma, mingħajr dewmien, lill-operatur indipendenti u, meta rilevanti, lill-impjegat tal-operatur indipendenti, dwar l-aċċess għall-informazzjoni rigward operazzjoni individwali ta' tiswija jew ta' manutenzjoni jew dwar l-informazzjoni li tikkonċerna l-operatur u/jew l-impjegati tiegħu.

10.3. Fil-każijiet imsemmija fil-punti a) u c) tal-punt 10.1. u fejn dan ikun neċessarju u proporzjonat biex jiġi evitat aktar użu ħażin jew biex jiġi indirizzat ir-riskju ta-ċibersigurtà, il-manifattur tal-vettura jista' jissospendi jew jirrestrinġi temporanjament l-aċċess tal-ġhodda dijanjostika kkonċernata jew jitlob lill-manifattur involut tal-ġhodda dijanjostika biex jieħu miżuri immedjati biex jillimita temporanjament l-aċċess tal-operatur ikkonċernat, tal-ġhodda dijanjostika, jew tal-impjegat għall-informazzjoni dwar l-OBd rigward il-vetturi ta' dan il-manifattur.

10.4. F'każijiet eċċezzjonali, b'reazzjoni għal inċident sinifikanti preżenti jew imminenti taċ-ċibersigurtà, Manifattur tal-Vettura jista' jissospendi l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD, fl-aktar livell granulari possibbli, meta jkun neċessarju u proporzjonat li jirreaġixxi għall-inċident ikkonċernat.

10.5. Fil-każijiet imsemmija fil-punti 10.3 u 10.4, il-manifattur tal-vettura għandu, fl-istess ħin, jinnotifika s-sospensjoni lill-Awtorità tal-Approvazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għas-sospensjoni u mal-evidenza rilevanti kollha. Is-sospensjoni għandha titneħħa meta l-inċident jiġi solvut jew jekk l-Awtorità tal-Approvazzjoni titlob lill-manifattur tal-vettura biex jagħmel dan.

L-Awtorità tal-Approvazzjoni għandha, fi żmien 10 ijiem mill-jum tan-notifika, tirrieżamina r-raġunijiet għas-sospensjoni u, jekk is-sospensjoni tkun manifestament mhux ġustifikata jew sproorzjonata, titlob lill-manifattur tal-vettura jew lill-manifattur involut tal-għodda dijanjostika biex jerġa' jistabbilixxi l-aċċess

L-Awtorità tal-Approvazzjoni tista', fi kwalunkwe ħin, titlob lill-manifattur tal-vettura u lill-manifattur involut tal-għodda dijanjostika biex jerġa' jistabbilixxi l-aċċess meta tqis li r-raġunijiet għas-sospensjoni ma għadhomx jeżistu.

11. Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-manifatturi tal-għodod dijanjostiċi

11.1. Is-sistema tal-RMI tal-manifattur tal-vettura għandha turi d-data ta' kuntatt u dik relatata mal-ipproċessar tal-informazzjoni dwar kif tinkiseb l-informazzjoni mitluba, kif speċifikat fil-punti a), b), c) u d), dwar l-integrazzjoni tal-għodda dijanjostika, fil-ħin tal-approvazzjoni tat-tip.

- a) Informazzjoni ta' kuntatt għal mistoqsijiet tekniċi u kummerċjali;
- b) Deskrizzjoni tal-proċess ta' integrazzjoni inkluża l-iskeda ta' żmien indikattiva;
- c) It-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-integrazzjoni tal-għodod dijanjostiċi mill-manifattur tal-għodda dijanjostika;
- d) Skeda tat-tariffi għas-servizzi relatati mal-integrazzjoni.

11.2. Suġġett għall-konklużjoni ta' ftehim ta' nondivulgazzjoni, il-manifattur tal-vettura għandu jagħmel disponibbli, fuq talba, l-informazzjoni li ġejja għal kwalunkwe operatur indipendenti li jikkonforma mat-TISAX, sal-livell speċifikat mill-manifattur tal-vettura f'konformità mal-punt 2.5, jew mal-ISO 27001:

- a) għal referenza, mudell ta' ftehim dwar l-integrazzjoni tas-sigurtà, li jindika b'mod ċar it-termini maħsuba biex jiġu inklużi fil-ftehimiet kollha tal-manifattur tal-vettura mal-manifatturi tal-għodod dijanjostiċi dwar din il-kwistjoni,
- b) deskrizzjoni tar-rekwiżiti u tal-proċessi għall-integrazzjoni sikura tal-għodda dijanjostika inkluża l-iskeda ta' żmien indikattiva.

11.3. Il-manifattur tal-vettura għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja u jagħmel disponibbli s-servizzi li ġejjin lill-manifattur tal-għodda dijanjostika, fiż-żmien tal-konklużjoni ta' ftehim dwar l-integrazzjoni tal-għodda dijanjostika:

- a) ir-rekwiżiti, il-proċessi u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi aġġornati dettaljati u f'waqthom għall-integrazzjoni sigura tal-għodda dijanjostika, inklużi r-rekwiżiti tal-implimentazzjoni tas-sigurtà;
- b) bi ħlas raġonevoli, kif imsemmi fil-punt 2.3., appoġġ tekniku b'rispons istantanju għall-integrazzjoni tas-sigurtà u għall-verifika tal-għodod dijanjostiċi.

11.4. Ir-rekwiżiti tal-implimentazzjoni tas-sigurtà msemmija fil-punt 11.3. għandhom ikunu akkumpanjati mill-ispeċifikazzjoni tar-raġunijiet għal dan ir-rekwiżit. F'każijiet eċċezzjonali, il-manifattur tal-vettura jista' jipprovdi biss ir-rekwiżiti neċessarji mingħajr speċifikazzjonijiet dettaljati f'każijiet li fihom:

- a) id-divulgazzjoni tal-obiettivi speċifiċi wara rekwiżit tista' tikkomprometti informazzjoni proprjetarja jew sigrieti kummerċjali, jew
- b) id-divulgazzjoni tar-raġunament tkun tiżvela strateġija usa' taċ-ċibersigurtà li trid tibqa' kunfidenzjali biex tinżamm l-integrità tas-sistema.

11.5. L-informazzjoni msemmija fil-punti 11.1 sa 11.3 għandha tiġi pprovduta flimkien mal-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip.

12. Forum dwar l-OBd

12.1. Il-Forum dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni dwar il-Vetturi (Forum dwar l-OBd) għandu jkun inkarigat mill-koordinazzjoni u mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proċeduri:

- a) għall-awtentikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni ta' operaturi indipendenti kif deskritti fil-punti 3 u 8 ta' dan l-Appendiċi, inklużi l-proċessi użati mill-manifatturi tal-għodod dijanjostiċi għall-verifika tal-kriterji ta' awtorizzazzjoni, kif deskritti fil-punt 3 ta' dan l-Appendiċi
- b) għall-ħruġ tal-kredenzjali tal-aċċess kif deskritti fil-punt 7 ta' dan l-Appendiċi inkluż l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' traċċabilità u ta' konnettività,
- c) għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar l-aċċess u s-sospensjoni jew ir-restrizzjoni tal-aċċess kif deskritta fil-punt 10 ta' dan l-Appendiċi.

12.2. Il-Forum għandu:

- a) jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Appendiċi;
- b) jagħti pariri lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni dwar tilwim li jikkonċerna l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan l-Appendiċi.
- c) jagħti pariri lill-manifatturi tal-vetturi, lill-manifatturi tal-għodod dijanjostiċi u lill-operaturi indipendenti dwar:

- (i) l-interpretazzjoni tal-Appendiċi;
- (ii) l-aspetti prattiċi tal-proċeduri msemmija fil-punti 12.1;
- (iii) gwida dwar is-soluzzjoni ta' tilwim rigward l-implimentazzjoni tal-proċeduri msemmija fil-punt 12.1.

12.3. Il-membri tal-Forum dwar l-OBd għandhom ikunu rrappreżentati mill-manifatturi tal-vetturi u mill-operaturi indipendenti involuti fl-implimentazzjoni u fl-użu tal-proċeduri u tal-proċessi deskritti fil-paragrafu 12.1.

12.4. Il-Forum dwar l-OBd għandu jopera taħt l-istruttura legali u organizzazzjonali komuni bħala l-“Forum għall-aċċess għall-RMI tal-Vetturi Relatata mas-Sigurtà. msemmi fil-paragrafu 2.1.12 tal-Appendiċi 3”

*Ir-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) Nru 83 — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna (ĠU L 42, 15.2.2012, p. 1–207, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2012/83/oj?locale=mt>)

* Ir-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) Nru 168 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) [2024/211] (ĠU L, 2024/211, 12.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/211/oj?locale=mt>)

*** Ir-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika Ewropea tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) Nru 156 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-aġġornamenti tas-software u tas-sistema ta' ġestjoni tal-aġġornamenti tas-software [2021/388] (ĠU L 82, 9.3.2021, p. 60, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/388/oj?locale=mt>)